DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 160/2025

tat-13 ta' Ġunju 2025

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet [2025/1855]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.

(2) Għaldaqstant il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat biex tkun tista' ssir din il-kooperazzjoni estiża mill- 1 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem "is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023 u 2024" jinbidlu bil-kliem "is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023, 2024 u 2025".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, fit-13 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.